

Brussell, 22 ta' April 2026
(OR. en)

6787/26
PV CONS 9
AGRI 144
PECHE 70
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
23 ta' Frar 2026

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 6298/26.


2. Approvazzjoni tal-punti "A"

- a) **Lista mhux leġiżlattiva** 6386/26

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

- b) **Lista leġiżlattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 6387/26


Agrikoltura

1. **Regolament li jemenda r-Regolament fir-rigward ta' ċerti regoli tas-suq u miżuri ta' appoġġ settorjali fis-settur tal-inbid u għall-prodotti tal-inbid aromatizzati**  6064/26 + ADD 1 PE-CONS 65/25
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-KSA fis-16.02.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 42, l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 118, l-ewwel paragrafu, TFUE).

Fl-Anness tinsab dikjarazzjoni mill-Kummissjoni.


Ġustizzja u Affarijiet Interni

2. **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż terz sikur"**  6177/1/26 REV 1 + REV 1 ADD 1 PE-CONS 68/25 JAI
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-18.02.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bi Spanja, Franza u l-Portugall jivvutaw kontra (bażi legali: l-Artikolu 78(2), il-punt (d) TFUE). F'konformità mal-Protokollu rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka ma ħaditx sehem fil-vot.


Id-dikjarazzjonijiet minn Spanja u Franza jinsabu fl-Anness.

Ġustizzja u Affarijiet Interni

3. **Regolament li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni**  6176/1/26 REV 1 + ADD 1
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-18.02.2026
PE-CONS 67/25
+ COR 1 (et)
JAI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Belġju u l-Ungerija jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 78(2), il-punt (d) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka ma ħaditx sehem fil-vot. Fl-Anness tinsab dikjarazzjoni mill-Ungerija.

Trasport

4. **Deċiżjoni li tagħti s-setgħa lill-Awstrija temenda l-ftehim bilaterali eżistenti ta' tagħha dwar it-trasport bit-triq mal-Iżvizzera li jawtorizza l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fis-servizzi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank**  5974/26 + COR 1
Approċċ ġenerali
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-18.02.2026
TRANS

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar id-Deċiżjoni li tagħti s-setgħa lill-Awstrija temenda l-ftehim bilaterali eżistenti ta' tagħha dwar it-trasport bit-triq mal-Iżvizzera li jawtorizza l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fis-servizzi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Il-Politika Agrikola Komuni ta' wara l-2027: proposti**  5875/26
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-punti 3 u 5 a) i) ġew indirizzati flimkien.

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet proposti tal-Kummissjoni għall-PAK ta' wara l-2027.


Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni minn Franza f'isem Franza, il-Portugall u Spanja, appoġġata mill-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Irlanda, l-Italja, il-Kroazja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Ungerija, u tar-reazzjonijiet tad-delegazzjonijiet.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4. **Rapport dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti**  5306/26
16217/25
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni u kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-rapport dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-UTP.

Affarijiet oħra

5. Agrikoltura u Sajd
- a) **Proposta leġiżlattiva attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** 
- i) **Talba għat-trasferiment ta' dispożizzjonijiet mill-abbozz ta' regolament dwar il-PSNR għall-abbozz ta' regolament dwar il-PAK, l-abbozz ta' regolament dwar il-PAK u l-abbozz ta' regolament dwar l-OKS** 6356/26
Informazzjoni minn Franza, mill-Portugall u minn Spanja

Il-punt 5 a) i) ġie indirizzat flimkien mal-punt 3.

Agrikoltura

- b) **Applikazzjoni tal-Qafas ta' Kontroll tal-PAK skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK 2023-2027**  6354/26
Informazzjoni mil-Latvja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Litwanja u l-Iżvezja



Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mil-Latvja, f'isem id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Iżvezja, u appoġġata mill-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, Franza, il-Ġermanja, il-Kroazja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Ungerija. Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tad-delegazzjonijiet.

- c) **Faċilità Ewropea ta' riassigurazzjoni għal katastrofi naturali fl-agrikoltura**  6505/26
Informazzjoni mill-Portugall

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Portugall u tar-reazzjonijiet tad-delegazzjonijiet.

- d) **Diffikultajiet li qed jiffaċċa s-settur tal-ħnieżer tal-UE - il-ħtieġa għal għajnuna eċċezzjonali**  6418/3/26 REV 3
Informazzjoni mir-Rumanija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija, appoġġata minn Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Ungerija. Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tad-delegazzjonijiet.

- a) **(kontinwazzjoni) Proposta leġislattiva attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**   17056/1/25 REV 1

- ii) **Sejħa għal miżuri li jiżguraw id-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet konvenzjonali għall-protezzjoni tal-għelejjel u li jiżguraw il-vijabbiltà tal-produzzjoni tal-ikel** 6470/26
Informazzjoni mill-Estonja

- iii) **Tħassib dwar il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li ż-żriġh ta' żrieragħ trattati jiġi inkluż fid-definizzjoni tal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti** 6465/26
Informazzjoni mill-Polonja

Il-punti 5 a) ii) u iii) ġew indirizzati flimkien.

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Estonja, appoġġata miċ-Ċekja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Portugall u r-Rumanija, u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta mill-Polonja, appoġġata miċ-Ċekja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Portugall, ir-Rumanija u l-Iżvezja, u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

Sajd

- e) **Id-difiża rigoruża tas-sajd tal-UE hija essenzjali fil-konsultazzjonijiet kruċjali tal-Istati Kostali dwar il-kavalli**

6562/26

Informazzjoni mill-Irlanda

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Irlanda, appoġġata mill-Belġju, il-Ġermanja, il-Portugall, Spanja u l-Iżvezja. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.



L-ewwel qari



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 6387/26

**Dwar il-punt "A"
nru 1:**

Regolament li jemenda r-Regolament fir-rigward ta' ċerti regoli tas-suq u miżuri ta' appoġġ settorjali fis-settur tal-inbid u għall-prodotti tal-inbid aromatizzati

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni ser tagħmel l-aħjar sforzi tagħha biex fis-sena 2026 tippreżenta lill-grupp jew lill-kumitat ta' esperti rilevanti:

- 1) abbozz ta' att ta' implimentazzjoni li jemenda r-Regolament (UE) 2018/274 relatat mal-possibbiltà li tiġi estiża l-applikazzjoni tal-proċedura simplifikata għall-ġoti tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil mill-ġdid stabbiliti fl-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament.
- 2) abbozz ta' emenda tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33, biex tiġi ddefinita s-sistema tal-Unjoni għall-identifikazzjoni fuq il-pakkett jew it-tikketta tal-prodotti tad-dwieli bil-mezzi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 119(4) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- 3) abbozz ta' emenda tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934 biex fid-definizzjoni ta' "coupage" ("taħlit") tiġi inkluża l-possibbiltà li l-inbejjed dealkoholizzati jew parzjalment dealkoholizzati jitħalltu ma' nbejjed bla gass biex jiġu prodotti nbejjed parzjalment dealkoholizzati.
- 4) abbozz ta' att delegat li jistabilixxi l-kundizzjonijiet għall-qluġ tad-dwieli ta' vinji abbandunati msemmija fl-Artikolu 62(6) il-ġdid tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013."

**Dwar il-punt "A"
nru 2:**

Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż terz sikur"

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MINN SPANJA

- "Spanja turi impenn rigward l-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Dan il-Patt jirrappreżenta pass storiku fl-iżvilupp ta' politika komprensiva tal-UE u qafas legali għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni. Ir-Regolament (UE) 2024/1348 li jistabilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali (APR) jikkostitwixxi komponent ewlieni ta' dak il-qafas legali.
- Spanja ma tappoġġax din il-proposta biex jiġi emendat l-APR għal erba' raġunijiet, li għandhom x'jaqsmu ma' aspetti leġiżlattivi, legali, ta' relazzjonijiet esterni u operazzjonali.

- L-ewwel nett, ir-Regolament idgħajef l-integrità tal-Patt. Dan jinvolvi emenda għall-Patt Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil anke qabel ma jibda japplika f'Ġunju 2026. Din l-emenda qed tiġi introdotta qabel ma stajna naċċertaw jekk il-qafas legali l-ġdid kollu kemm hu u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-kunċett ta' pajjiż terz sikur diġà inklużi fl-APR kif miftiehem fi tmiem l-2023, jiffunzjonawx kif suppost. Barra minn hekk, dan jinvolvi l-emenda ta' wieħed mill-elementi li wrew li huma partikolarment sensitivi biex jintlaħaq ftehim ġenerali, jiġifieri l-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Fl-aħħar nett, din il-proposta ma tistax tiġi vvalutata b'mod iżolat, iżda pjuttost b'rabta mill-qrib mal-proposta għal Regolament dwar ir-Ritorn u ċ-ċentri ta' ritorn previsti fiha. Spanja tibqa' kritika fejn jidħlu ċentri ta' ripatrijazzjoni bħal dawn f'pajjiżi terzi.
- It-tieni, Spanja tqajjem tħassib legali rigward l-inklużjoni fit-test tal-possibbiltà li jiġu konklużi arranġamenti mhux vinkolanti f'dan il-qasam. Tali arranġamenti ma jippermettux li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet u l-obbligi tal-applikanti li ser jiġu ttrasferiti lejn pajjiż terz. Ma hemm l-ebda garanzija li ser tingħata protezzjoni effettiva lil dawk l-applikanti f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali. Barra minn hekk, jekk tali arranġamenti ma jkunux vinkolanti, tqum il-kwistjoni dwar kif l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi jistgħu jkunu obbligati jikkonformaw magħhom. Billi jipprevedu b'mod espliċitu l-possibbiltà li l-Unjoni stess tikkonkludi arranġamenti jew ftehimiet mhux vinkolanti ma' pajjiżi terzi f'dan il-qasam, l-Istati Membri kollha qed jassumu livell għoli ta' responsabbiltà u riskju inaċċettabbli. Barra minn hekk, hemm riskju għoli ta' litigazzjoni minħabba ksur potenzjali tal-prinċipju ta' non-refoulement minqux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-riskji legali jestendu wkoll għall-impatt possibbli fuq ir-regoli għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà. F'dan ir-rigward, ma jistax jiġi eskluż li t-trasferimenti bejn l-Istati Membri skont ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni jistgħu jiġu sospiżi, minħabba l-possibbiltà li l-qrati nazzjonali jqisu li l-persuni ma jistgħux jiġu ttrasferiti lejn pajjiżi li ffirmaw tali ftehimiet.
- It-tielet, il-konklużjoni ta' ftehimiet ta' dan it-tip mill-Unjoni jew minn Stati Membri oħra ma' pajjiżi terzi ġirien ta' Spanja għandha impatt dirett fuq ir-relazzjonijiet bilaterali ta' Spanja ma' dawk il-pajjiżi. It-test jipprevedi mekkaniżmu ta' informazzjoni minn qabel għall-Istati Membri li jikkondividu fruntiera komuni. Madankollu, din il-formulazzjoni teskludi pajjiżi ġirien ewlenin ta' Spanja, li magħhom Stati Membri oħra jistgħu jikkonkludu ftehimiet mingħajr ma jkunu infurmaw u kkonsultaw lil Spanja.
- Ir-raba', fil-livell operazzjonali, Spanja għandha dubji serji dwar l-effettività u l-effiċjenza tagħha. Il-fatt li l-kriterju ta' konnessjoni huwa fakultattiv iqajjem mistoqsijiet dwar is-sostenibbiltà tal-mekkaniżmu. Fin-nuqqas ta' rabta familjari, soċjali jew ekonomika, Spanja tistaqsi x'incensiv persuna ttrasferita jkollha biex ma tipprovax tiritorna lejn l-Unjoni meta l-prospetti tagħha f'pajjiż terz mhux magħruf ikunu limitati. Barra minn hekk, jekk xi Stati Membri japplikaw il-kriterju ta' konnessjoni u oħrajn le, dan iwassal għal sistema frammentata u mhux waħda komuni. Iqajmu dubju wkoll il-kostijiet ta' tali miżura meta mqabbla mal-benefiċċji tagħha. Ma twettqet l-ebda analiżi minimament oġġettiva tal-kostijiet u l-benefiċċji. Madankollu, eżempji eżistenti simili diġà wrew il-kostijiet għolja u r-riżultati limitati tagħhom.
- Għaldaqstant, Spanja **TOPPONI** l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament kif propost."

DIKJARAZZJONI MINN FRANZA

"Franza qed tivvota kontra l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż terz sikur". Bil-mod kif ibiddel l-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur, dan it-test joħloq riskji operazzjonali, legali u politiċi sinifikanti kemm għall-Istati Membri li jagħżlu li ma japplikawx il-kriterju ta' konnessjoni kif ukoll għall-Istati Membri li ma jagħmlux tali għażla u, a fortiori, ma jkunux jistgħu jagħmluha.

Billi jneħħi l-kriterju ta' konnessjoni bħala rekwiżit obbligatorju u jippermetti, minfloku, il-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi, it-test iqajjem dubji dwar il-bilanċi delikati mil-huqa fil-qafas tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u, bħala tali, joħloq riskju għall-implimentazzjoni ta' dan tal-aħħar:

– dan jista' jwassal għal żieda fil-movimenti sekondarji, riskju li ma kienx possibbli li jiġi vvalutat qabel il-preżentazzjoni tar-reviżjoni leġiżlattiva minħabba n-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt minn qabel;

– jista' jinterferixxi mat-trasferimenti bejn l-Istati Membri skont il-mekkaniżmu ta' Dublin, u konsegwentement skont ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni;

– dan jirriżulta b'mod partikolari mill-possibbiltà li jiġu konklużi "arranġamenti", li minħabba n-natura mhux vinkolanti tagħhom, ma jippermettux lill-Istat Membru jkollu l-garanziji kollha meħtieġa sabiex jiżgura li l-persuna li tfitteż l-ażil tibbenefika, fil-pajjiż terz li lejha l-Istat Membru responsabbli għandu l-intenzjoni li jirritornaha, mil-livell ta' protezzjoni meħtieġ mill-kunċett ta' pajjiż terz sikur, b'mod partikolari aċċess effettiv għal tali protezzjoni.

Fl-aħħar nett, Franza ttenni l-oppożizzjoni tagħha għal tali ftehimiet jew arranġamenti li jirriżultaw f'finanzjament mill-UE, b'mod partikolari permezz tal-fondi għall-azzjoni esterna."

Dwar il-punt "A" nru 3:

Regolament li jstabilixxi lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija ttenni r-riżervi serji tagħha rigward il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Fil-kuntest tal-lista tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri, l-Ungerija konsistentement irrakkomandat li l-pajjiżi kandidati eliġibbli għandhom jiġu inklużi awtomatikament fil-lista tal-UE. Aħna konvinti li l-inklużjoni għandha sseħħ awtomatikament, mingħajr ma jiġu imposti kundizzjonijiet addizzjonali fuq il-pajjiżi kandidati sabiex dawn jibqgħu fuq il-lista.

Għalhekk, l-Ungerija jiddispaċiha li t-test ta' kompromess, de facto, jimponi kundizzjonijiet aktar stretti fuq il-pajjiżi kandidati eliġibbli milli fuq pajjiżi terzi oħra elenkati fl-Anness.

L-Ungerija tqis li l-elenkar speċifiku tal-pajjiżi kandidati eliġibbli kien jipprovdi l-aktar soluzzjoni legali robusta, filwaqt li jevita aktar kumplikazzjonijiet u jittratta lill-pajjiżi kandidati eliġibbli b'mod ekwu.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-Ungerija tastjeni."